# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2002.**

**Kawza Numru: 21**

**Citaz. Nru. 2083/99 GV/6**

**Doc 245-02**

**Mario u Evelyn konjugi Abela**

**vs**

**Aida Portelli mart Joseph Farrugia**

**minnu separata**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ppremettew illi fuq inkarigu tal-konvenuta l-attur Mario Abela ezegwixxa xoghol fuq l-injam ghall-hanut gestit minnha;

Premess illi ghax-xoghol hekk minnu ezegwit u kif rikonoxxut bl-iskrittura tal-1 ta' Gunju, 1998 l-istanti ghad baqalhom jircievu s-somma ta' elf mija u sittin lira Maltija (Lm1,160) bhala bilanc;

Premess illi nonostante li giet interpellata anke ufficcjalment l-istess konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti biex:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf mija u sittin lira Maltija (Lm1,160) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' appalt fuq l-injam mahdum fuq inkarigu tal-konvenuta ghall-hanut minnha gestit;

Bl-ispejjez , komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Lulju, 1999 kontra l-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Fit-18 ta' Ottubru, 1999 il-konvenuta nghatat ghoxrin (20) gurnata zmien sabiex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha.

Fit-3 ta' Novembru, 1999, il-konvenuta pprezentat nota ta' l-eccezzjonijiet fejn eccepiet:

Illi fl-ewwel lok ix-xoghol ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti u dana kif gie miftiehem bejn il-partijiet fl-iskrittura esebita mac-citazzjoni u mmarkata Dokument B.

Illi fit-tieni lok l-ammont mitlub m'huwiex kollu dovut u fil-fatt il-bilanc dovut huwa inqas minn dak mitlub fic-citazzjoni.

Illi in oltre fl-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet, il-konvenuta bl-ebda mod ma rrikonoxxiet ix-xoghol esegwit mill-attur Mario Abela u dan stante illi ma kien gie esegwit l-ebda xoghol min-naha ta' l-attur anzi l-istess

xoghol gie esegwit tardivament u ghalhekk il-konvenuta sofriet danni minhabba din l-inadempjenza fit-terminu miftiehem.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

**FATTI**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti. Permezz ta' kuntratt ta' appalt datat l-1 ta' Gunju, 1998, in atti Nutar C. Martinelli, il-konvenuta Aida Portelli inkarigat lill-atturi Mario u Evelyn mizzewgin Abela sabiex jaghmlulha xoghol ta' oggetti ta' ghamara u ta' mastrudaxxa kif jinsabu elenkati fil-lista dok B a fol. 5, annessa ma' l-istess kuntratt, liema xoghol kellu valur komplessiv ta' Lm13,920 oltre t-taxxa ta' Lm570 li jgib total finali ta' Lm14,625. Mill-imsemmi ammont ta' Lm14,625, l-atturi kienu diga' rcevew minghand il-konvenuta l-ammont ta' Lm4,000 kif dikjarat fil-kuntratt. Jibqa' ghalhekk bilanc ta' Lm10,625 illi l-konvenuta intrabtet illi thallsu fi zmien tlett (3) gimghat minn meta l-atturi jlestu l-oggetti kollha ta' l-ghamara u cioe' sa l-ahhar ta' Lulju tas-sena 1998. L-atturi obbligaw irwiehhom illi x-xoghol ikun skond is-sengha u l-arti u ta' l-ahjar kwalita'.

Jirrizulta illi fit-23 ta' Ottubru, 1998, il-konvenuta hallset lill-attur l-ammont ta' Lm9,670 (ara fol. 50). Fid-9 ta' Lulju, 1999, il-konvenuta gie nterpellata ufficjalment mill-atturi sabiex tersaq ghal bilanc ta' Lm1,160, madankollu hija baqghet inadempjenti (fol. 8).

**Espert tekniku**

Illi b'digriet tat-12 ta' Novembru, 1999, din il-Qorti nnominat lil Gaston Mifsud bhala espert tekniku sabiex jirrelata dwar it-talba attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol. 20).

Il-Perit epprezenta r-relazzjoni tieghu a fol. 39 fejn individwa xi difetti li kien hemm fix-xoghol maghmul mill-atturi (ara fol. 40/41).

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi t-talba attrici hija ghall-bilanc ta' Lm1,160. L-attur fl-affidavit tieghu anness mac-citazzjoni jghid illi l-konvenuta hija debitrici fl-ammont ta' Lm1,160. Fit-tieni affidavit tieghu li jinsab a fol. 24 tal-process, l-attur, senjatament fil-paragrafu 2 jghid illi l-konvenuta taghtu *cheque* ta' Lm9,700 u qaltlu li l-bilanc thallsu ghall-habta tal-Milied. Mid-dokument esebit a fol. 50 tal-process pero' jirrizulta illi l-bilanc kien ta' **Lm10,670** (inkluz it-taxxa) li minnhom il-konvenuta hallset lill-attur l-ammont ta' **Lm9,670** u mhux l-ammont ta' Lm9,700 kif qieghed jghid l-attur u lanqas l-ammont ta' Lm9,000 kif xehdet il-konvenuta f'paragrafu (3) a fol. 48. Dan ifisser illi jekk mill-bilanc ta' Lm10,670, u cioe' il-bilanc li jidher f'dok AP, wiehed inaqqas l-ammont ta' Lm9,670 jibqa' bilanc ta' Lm1,000 x'jithallas u mhux ta' Lm1,160 kif qed jitolbu l-atturi.

Il-Qorti trid tiddeciedi jekk il-bilanc ta' Lm1,000 huwiex kollu dovut lill-atturi u dan in vista tar-rapport ta' l-espert tekniku.

**DIFETTI**

L-espert tekniku kkonsidra u kkonkluda fuq is-seba' difetti li gew indikati fuq dan ix-xoghol ta' appalt u li gew sollevati mill-konvenuta.

Dwar l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-hames ilment tal-konvenuta, il-perit jikkonkludi ili dawn l-ilmenti m'humiex fondati peress illi x-xoghol esegwit sar skond is-sengha u l-arti.

Jibqa' t-tielet, is-sitta u s-seba' ilmenti sollevati mill-konvenuta.

Rigward it-tielet ilment, u cioe' dak tal-kisi tal-blajjet bl-injam min-naha ta' gewwa u l-varjazzjoni fl-gholi taghhom, il-perit tekniku kkonkluda illi l-gonta li ntuzat hija irqaq mill-hxuna u kien ikun aktar kif titlob is-sengha u l-arti kieku giet paricc mal-kumplament.

Rigward is-sitt ilment u cioe' l-bieba ta' li *sweet counter*, il-perit tekniku jikkonkludi illi din il-bieba ma tinghalaqx kagun ta' brim fl-injam tal-bieba u trid titranga.

Rigward is-seba' ilment u cioe' dak illi jirrigwarda 'l-vetrina tal-menu', li jirrizulta illi hija vetrina zghira, il-perit jikkonkludi illi din ma messiex saret mill-faccata sabiex l-ilma ma jkunx jista' jippenetra.

"Opinjoni teknika, bhal kull prova fl-atti, sakemm ma tigix skossa minn prova ohra kuntrarja, attendibbili u kredibbili, tifforma l-bazi tal-gudizzju tal-Qorti. Il-Qorti ghandha *mano libera* li taccetta jew tirrifjuta opinjoni teknika lilha sottomessa mill-perit tekniku. Bhal kull prova ohra tista' tigi skartata mill-Qorti . Dan pero' mhux leggerment jew kapriccjosament imma biss jekk tirrizulta raguni valida fl-atti." (Ara Sentenza App Camilleri vs Debattista 9/2/2001).

F'dan il-kaz ma gewx indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz tali li jinducu lill Qorti li tissostiwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tat-tekniku. Il-

Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet raggunti mill-perit tekniku u taghmilhom taghha.

**ECCEZZJONIJIET KONVENUTA**

Ghalhekk din il-Qorti issa ser taghaddi sabiex tikkonsidra l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta.

Fuq l-ewwel eccezzjoni, il-konvenuta ghandha ragun in parte biss u a skans ta' ripetizzjoni I-Qorti taqbel mal-Perit Tekniku illi l-gonta fil-blajjet, il-vetrina tal-menu u l-bieba ta' li *sweet counter* ma sarux skond ma titlob l-arti u s-sengha ta' l-injam u l-Qorti qeghdha tilqaghha limitatament.

Fuq it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, mill-kalkoli li ghamlet din il-Qorti, jirrizultalha illi il-bilanc fuq il-kontijiet kien ta' Lm1,000 u mhux ta' Lm1,160 kif pretiz mill-attur. Peress illi l-Perit Tekniku ma ndikax lill-Qorti l-ispiza nkorsa mill-konvenuta sabiex tibdel il-gonta fil-blajjiet, il-vetrina tal-menu u l-bieba ta' li *sweet counter* il-Qorti qeghda *arbitrio boni viri* tillikwidaha fl-ammont ta' Lm150.

Dwar it-tielet eccezzjoni l-konvenuta ma gabet ebda prova u ma saret ebda kontro-talba.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi:

tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' Lm850 (tmien mija u hamsin lira Maltin) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' appalt fuq l-injam mahdum fuq inkarigu tal-konvenuta ghall-hanut minnha gestit;

Bl-imghax mid-data tas-sentenza u l-ispejjez li jinqasmu skond ir-rebh u t-telf rispettiv.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**

**Deputat Registratur.**